IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.1.2013
SWD(2013) 6 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal Direttiva**

**dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi**

{COM(2013) 18 final}
{SWD(2013) 5 final}

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal Direttiva**

**dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi**

## 1. KUNTEST ĠENERALI

1. Il-White Paper "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti"[1] sabet li mingħajr użu sinifikanti ta' fjuwils alternattivi, ma nistgħux nilħqu l-miri tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-miri tagħna dwar il-klima għall-2050. Għalhekk tħabbar li l-Kummissjoni se tiżviluppa "strateġija sostenibbli għall-fjuwils alternattivi inkluż ukoll l-infrastruttura xierqa " (l-Inizjattiva 24) u tiżgura "linji gwida u standards għall-infrastrutturi tat-teħid tal-fjuwil" (l-Inizjattiva 26).

2. Abbażi tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati u l-esperjenza miksuba, il-Kummissjoni identifikat il-fjuwils alternattivi li diġà wrew potenzjal għas-sostituzzjoni taż-żejt fuq żmien twil.

3. L-implimentazzjoni tal-fjuwils alternattivi hija mxekkla minn (1) il-prezz għoli tal-vetturi, (2) il-livell baxx ta' aċċettazzjoni mill-konsumatur, u (3) in-nuqqas ta' infrastruttura ta' ċċarġjar/forniment tal-fjuwil, ikkawżat minn fallimenti multipli tas-suq.

4. L-inizjattivi preċedenti indirizzaw il-produzzjoni tal-fjuwil, it-teknoloġija tal-vetturi, u l-kummerċjalizzazzjoni, iżda ttraskuraw il-kostruzzjoni tal-infrastruttura meħtieġa.

5. L-analiżi ex-post ta' proġetti u ta' azzjonijiet ta' politika indikaw in-nuqqas ta infrastruttura ta' ċċarġjar/forniment tal-fjuwil, u n-nuqqas ta' abbiltà tal-forzi tas-suq biex jimlew dan il-vojt, bħala ostaklu fundamentali. Jekk ma jitneħħiex dan l-ostakolu, hemm ir-riskju li l-isforzi l-oħra kollha jibqgħu ma jkunux effettivi.

6. Tliet fjuwils alternattivi tat-trasport huma affettwati b'mod partikolari: l-elettriku, l-idroġenu u l-gass naturali (LNG u CNG). L-alternattivi ewlenin l-oħra għaż-żejt - il-bijofjuwils u l-gass likwifikat miż-żejt (LPG) – huma inqas ikkonċernati.

## 2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

7. Il-Valutazzjoni tal-Impatt sabet li abbażi tal-iżviluppi proġettati tas-suq, l-infrastruttura għall-vetturi elettriċi, tal-idroġenu u tal-gass naturali (LNG u CNG) x'aktarx li tibqa' insuffiċjenti għal dak li se tkun teħtieġ l-adozzjoni wiesgħa tas-suq. Dan in-netwerk "minimu" huwa definit hawn taħt.

*Vetturi elettriċi (EVs)*

8. Netwerk minimu għall-EVs għandu jiżgura:

[1] COM (2011) 144 finali

- il-massa kritika tal-produzzjoni meħtieġa biex jinkisbu ekonomiji ta' skala;
- l-implimentazzjoni proġettata tal-EVs ta' madwar 6-8 % tal-bejgħ tal-vetturi fl-2020.

9. Il-kriterji ta' hawn fuq jissuġġerixxu numru ta' referenza ta' 4 miljun EVs fit-triq fl-UE sal-2020, inqas minn nofs l-ammont totali tal-miri mħabbra mill-Istati Membri.

10. L-EVs se jkunu użati fil-biċċa l-kbira f'żoni urbani, u għalhekk se jitqassmu fl-UE kollha skont l-urbanizzazzjoni tal-Istati Membri. It-testijiet tas-suq urew li kull EV teħtieġ żewġ punti ta' ċċarġjar (id-dar u fuq il-post tax-xogħol), u madwar 10 % tal-ammont kollu għandhom ikunu aċċessibbli pubblikament biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar id-disponibbiltà tagħhom.

*Vetturi tal-idroġenu*

11. Għall-idroġenu, l-ewwel pass lejn il-ftuħ tas-suq ikun jeħtieġ li jkun hemm rabta bejn l-istazzjonijiet tal-forniment tal-fjuwil eżistenti u dawk ippjanati.

*LNG fil-bastimenti u CNG u LNG fil-vetturi*

12. It-83 port marittimu tan-Netwerk Ċentrali TEN-T huma siti primarji għall-użu tal-LNG fit-tbaħħir. Jekk il-passaġġi fuq l-ilma intern u l-kurituri tat-trasport bit-triq ikunu mgħammra bl-LNG wkoll u jkun żgurat li hemm għadd biżżejjed ta' stazzjonijiet tal-forniment tal-fjuwil għall-vetturi li jaħdmu bis-CNG, għandu jkun hemm kopertura suffiċjenti għal dawn il-modi tat-trasport ukoll.

## 3. KAWŻI PRINĊIPALI

13. Il-Kummissjoni identifikat żewġ kawżi ewlenin prinċipali:

- It-tagħmir eżistenti għall-iċċarġjar/forniment tal-fjuwil ma jistax jiġi konness u mhuwiex interoperabbli fil-vetturi/fil-bastimenti kollha li jaħdmu bil-fjuwil alternattiv. It-teknoloġija meħtieġa għall-bini ta' netwerk hija sostanzjalment matura. Madankollu, attwalment l-istandards mhumiex komuni fl-UE kollha, **u dan jiskoraġġixxi lill-investituri potenzjali fl-infrastruttura, lill-manifatturi tal-karozzi u lill-konsumaturi**. **Dan iwassal għall-frammentazzjoni tas-suq intern**.
- L-inċertezza fl-investiment tfixkel l-implimentazzjoni tal-infrastruttura ta' ċċarġjar/rifoniment tal-fjuwil għall-elettriku, l-idroġenu u l-gass naturali (LNG u CNG). Il-vijabbiltà kummerċjali għall-fornituri tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għada ma ġietx stabbilita. **Dan in-nuqqas fil-koordinazzjoni fost il-manifatturi tal-vetturi, il-fornituri tal-infrastruttura, l-awtoritajiet nazzjonali u l-utenti finali għandu jiġi indirizzat. Inizjattivi li jkunu speċifikament indirizzati lejn il-promozzjoni tal-infrastruttura jidhru meħtieġa biex jitkisser dan l-impass.**

## 4. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

14. Id-dritt tal-UE li taġixxi fil-qasam tat-trasport huwa stipulat fl-Artikoli 90 u 91 tat-TFUE, fit-Titolu VI.

15. Tkun meħtieġa inizjattiva tal-UE f'dan il-qasam peress li l-Istati Membri ma għandhomx l-istrumenti biex tinkiseb koordinazzjoni pan-Ewropea f'termini ta' speċifikazzjonijiet tekniċi tal-infrastruttura u tal-iskedar tal-investimenti.

16. Il-manifatturi tal-vetturi u tat-tagħmir iridu jipproduċu fuq skala kbira għal suq waħdieni tal-UE, u hemm bżonn li jkunu jistgħu jiddependu fuq żviluppi konsistenti fl-Istati Membri kollha. Bl-istess mod, il-konsumaturi u l-utenti tat-trasport huma interessati f'mobbiltà pan-Ewropea.

17. L-azzjoni proposta tindirizza biss żewġ mezzi tat-trasport (bit-triq u fuq l-ilma) li għalihom l-iżvilupp ta' netwerk minimu meħtieġ ma jistax jinkiseb mingħajr l-appoġġ tal-UE. Dawn is-setturi jirrappreżentaw aktar minn 80 % tad-distribuzzjoni modali fit-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri. F'dawn is-setturi, il-fjuwils alternattivi huma funzjonali biex jitnaqqsu d-dipendenza fuq iż-żejt, il-GHG u l-emissjonijiet li jniġġsu.

## 5. OBJETTIVI TAL-INIZJATTIVA TAL-UE

18. L-UE qablet dwar miri vinkolanti dwar is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-fjuwils għat-trasport (10 % sal-2020), u dwar tnaqqis tal-intensità tas-$CO_2$ mill-fjuwils tat-trasport bit-triq (-6% sal-2020). Il-White Paper tal-2011 ħabbret tnaqqis ta' 60 % tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ sal-2050 u stabbiliet il-ħtieġa ta' użu sinifikanti ta' fjuwils alternattivi.

19. L-objettiv ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li tiżgura, fi ħdan il-klima ekonomika attwali, il-forniment ta' netwerk ta' infrastruttura suffiċjenti, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-kisba tal-użu tas-suq tal-vetturi u l-bastimenti bi fjuwils alternattivi kif imħabbar fil-White Paper.

20. L-objettiv ġenerali jista' jiġi tradott għal għanijiet aktar speċifiċi (it-Tabella 1)

**Tabella 1: Dijagramma tal-problemi: definizzjoni tal-problemi u tal-objettivi**

| **Il-problema** | **L-objettiv ġenerali** |
|---|---|
| **Abbażi tal-investimenti ppjanati tal-Istati Membri, l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għall-elettriku, l-idroġenu u l-gass naturali (LNG u CNG) x'aktarx li tibqa' insuffiċjenti biex tippermetti l-użu ta' fjuwils alternattivi.** | L-objettiv ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li tiżgura, fil-klima ekonomika attwali, il-forniment ta' netwerk ta' infrastruttura suffiċjenti għall-fjuwils alternattivi, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-kisba tal-użu tas-suq tal-vetturi u l-bastimenti bi fjuwils alternattivi kif imħabbar fil-White Paper. |
| **Xprunatur tal-problema Nru 1**<br>**It-tagħmir eżistenti għall-iċċarġjar/għall-forniment tal-fjuwil ma jistax jiġi konness u mhuwhiex interoperabbli** | **Objettiv speċifiku Nru 1**<br>Ikun żgurat li t-tagħmir ta' ċċarġjar/forniment tal-fjuwil ikun jista' jiġi konness u jkun interoperabbli |
| **Xprunatur tal-problema Nru 2**<br>**L-inċertezza fl-investiment tfixkel l-implimentazzjoni tal-infrastruttura ta' ċċarġjar/forniment tal-fjuwil għall-elettriku, l-idroġenu u l-gass naturali (LNG u CNG).** | **Objettiv speċifiku Nru 2**<br>Ikun żgurat li l-inċertezza fl-investiment titnaqqas għal livell li jtemm l-attitudni ta' "nistennew u naraw" li teżisti bħalissa fost il-parteċipanti fis-suq |

21. Ġew definiti l-objettivi operazzjonali li ġejjin:

(1) Ikunu jistgħu jiġu konnessi u jkunu interoperabbli l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-EVs u tal-forniment tal-idroġenu u tal-gass naturali (LNG u CNG) għall-vetturi tat-trasport bit-triq, u l-faċilitajiet tal-forniment tal-fjuwil tal-LNG għall-bastiment fuq l-ilma.

(2) Jintlaħqu l-valuri stipulati fit-Tabella 1 tal-għadd ta' punti ta' ċċarġjar għall-EVs u tal-inqas 10 % tagħhom ikunu pubblikament aċċessibbli.

**Tabella 2: Għadd minimu ta' punti ta' ċċarġjar għall-EVs f'kull Stat Membru (f'eluf)**

| Stat Membru | Għadd ta' punti tal-iċċarġjar | Għadd ta' punti tal-iċċarġjar pubblikament aċċessibbli |
|---|---|---|
| BE | 207 | 21 |
| BG | 69 | 7 |
| CZ | 129 | 13 |
| DK | 54 | 5 |
| DE | 1503 | 150 |
| EE | 12 | 1 |
| IE | 22 | 2 |
| EL | 128 | 13 |
| ES | 824 | 82 |
| FR | 969 | 97 |
| IT | 1255 | 125 |
| CY | 20 | 2 |
| LV | 17 | 2 |
| LT | 41 | 4 |
| LU | 14 | 1 |
| HU | 68 | 7 |
| MT | 10 | 1 |
| NL | 321 | 32 |
| AT | 116 | 12 |
| PL | 460 | 46 |
| PT | 123 | 12 |
| RO | 101 | 10 |
| SI | 26 | 3 |
| SK | 36 | 4 |
| FI | 71 | 7 |
| SE | 145 | 14 |
| UK | 1221 | 122 |
| HR | 38 | 4 |

(3) Ikunu konnessi l-istazzjonijiet tal-forniment tal-fjuwil eżistenti tal-idroġenu permezz tan-Netwerk Ċentrali TEN-T b'distanza massima ta' 300 km bejn l-istazzjonijiet sal-2020.

(4) Ikunu disponibbli faċilitajiet tal-forniment tal-fjuwil tal-LNG għall-bastimenti fuq l-ilma fil-portijiet marittimi kollha tan-Netwerk Ċentrali TEN-T sal-2020.

(5) Ikunu disponibbli faċilitajiet tal-forniment tal-fjuwil tal-LNG għall-bastimenti fuq l-ilma fil-portijiet interni kollha tan-Netwerk Ċentrali TEN-T sal-2020.

(6) Ikunu disponibbli stazzjonijiet tal-forniment tal-fjuwil tal-LNG għall-vetturi tat-trasport bit-triq tul in-Netwerk Ċentrali TEN-T b'distanza massima ta' 400 km bejn l-istazzjonijiet sal-2020.

(7) Ikunu disponibbli punti tal-forniment tal-fjuwil tas-CNG aċċessibbli pubblikament, b'distanzi massimi ta' 150 km, biex b'hekk jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tas-CNG mal-Unjoni kollha sal-2020.

## 6. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

22. Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni estensiva tal-partijiet interessati dwar diversi alternattivi ta' politika. Twettqet eżaminazzjoni minn qabel tal-għażliet possibbli fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin: il-konsistenza ma' objettivi ġenerali, speċifiċi u operattivi, in-newtralità teknoloġika u l-fattibilità.

23. Il-Kummissjoni identifikat tliet għażliet ta' politika minbarra x-xenarju tal-linja bażi ta' 'ebda bidla fil-politika' u analizzathom fil-fond.

### 6.1. Għażla ta' Politika 1

24. L-Għażla ta' Politika 1 tirrappreżenta futur mingħajr ebda intervent ta' politika addizzjonali biex jinbidlu x-xejriet attwali (xenarju ta' 'ebda bidla fil-politika'). Din l-alternattiva tqis l-inizjattivi attwali kollha leġiżlattivi u ta' politika, l-avviżi nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura, u l-kontinwazzjoni tal-programmi u l-inċentivi preċedenti tal-UE u tal-Istati Membri.

### 6.2. Għażla ta' Politika 2

25. L-UE se toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-istandards għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi. Se toħroġ rakkomandazzjonijiet li jistabbilixxu l-kriterji bażiċi u l-miri indikattivi għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass naturali (LNG u CNG).

### 6.3. Għażla ta' Politika 3

26. L-UE se tistabbilixxi rekwiżiti għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għall-Istati Membri. Se tistabbilixxi wkoll kriterji bażiċi għall-kopertura minima tal-infrastruttura, flimkien ma' miri vinkolanti għat-teknoloġiji l-aktar maturi tal-fjuwil (l-elettriku, u l-LNG għat-trasport fuq l-ilma). Għall-idroġenu u l-gass naturali (LNG u CNG) għat-trasport bit-triq, il-miri jkunu indikattivi.

### 6.4. Għażla ta' Politika 4

27. L-UE se tistabbilixxi rekwiżiti għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għall-Istati Membri. Fl-istess ħin se tistabbilixxi kriterji bażiċi għall-kopertura minima tal-infrastruttura, flimkien ma' miri vinkolanti għall-elettriku, l-idroġenu, l-LNG u s-CNG fit-trasport bit-triq u għal-LNG fit-trasport fuq l-ilma.

28. Skont kwalunkwe Għażla ta' Politika, il-leġiżlazzjoni tal-UE mhux se tkun qed tispeċifika r-rekwiżiti lil hinn mill-għadd minimu u l-istandards tekniċi. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-qafas regolatorju, il-lokalizzazzjoni territorjali, u miżuri implimentattivi oħrajn.

## 7. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

*L-impatti ekonomiċi*

29. Dawn l-Għażliet ta' Politika għandhom l-għan li jipprovdu kundizzjoni fundamentali għall-utilizzazzjoni fis-suq ta' vetturi u bastimenti bi fjuwil alternattiv, iżda ma jistgħux jiżguraw dan mingħajr il-ġabra tal-inizjattivi kollha l-oħra li huma parti mill-istrateġija globali.

30. Il-valutazzjoni hija bbażata fuq ir-riżultati tal-immudellar li jikkwantifikaw il-benefiċċji "diretti" jew "awtonomi" tal-politika proposta, u fuq evidenza minn studji oħra dwar l-impatt usa', meta titqies flimkien ma' inizjattivi oħrajn eżistenti u li jridu jitwettqu biex jippromwovu vetturi bi fjuwil alternattiv.

31. L-ispejjeż 'awtonomi' għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura qed jintwerew fit-Tabella 3.

**Tabella 3: Stima tal-ispejjeż tal-investiment skont kull Għażla ta' Politika**[2]

| | Għadd addizzjonali ta' punti tal-iċċarġjar/ stazzjonijiet tal-forniment tal-fjuwil | Għażla ta' Politika 2 | Għażla ta' Politika 3 | Għażla ta' Politika 4 |
|---|---|---|---|---|
| | *eluf* | *F'miljuni ta' EUR* | | |
| **L-elettriku (Total)** | **8,000** | **3,984** | **7,968** | **7,968** |
| ta' 90 % privat | 7,200 | 1,872 | 3,744 | 3,744 |
| ta' 10% pubblikament aċċessibbli | 800 | 2,112 | 4,224 | 4,224 |
| **L-idrogenu** | **0.143** | **-** | **-** | **230** |
| **L-LNG għall-bastimenti** | **0.139** | **1,140** | **2,085** | **2,085** |
| **L-LNG għat-trakkijiet** | **0.144** | **-** | **-** | **58** |
| **Is-CNG għall-vetturi** | **0.654** | **-** | **-** | **164** |
| Stima tal-ispejjeż tal-investiment tal-implimentazzjoni tal-infrastruttura | | 5,124 | 10,053 | 10,505 |
| Stima tal-ispejjeż tar-retrofitting | | - | 45 – 50 | 90 –100 |
| **Stima tal-ispejjeż totali tal-investimenti** | | **5,124** | **10,103** | **10,605** |

32. **L-Istati Membri jistgħu jiżguraw l-implimentazzjoni permezz ta' varjetà ta' miżuri** (eż. il-kodiċijiet tal-bini, il-kundizzjonijiet għal permessi tal-postijiet tal-parkeġġ, iċ-ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tan-negozji, l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji tal-LNG u l-awtoritajiet tal-port) **mingħajr ma neċessarjament jinvolvu l-infiq pubbliku.**

33. L-approċċ għall-**analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji** ma jagħtix kas tal-benefiċċji tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq iż-żejt, taż-żieda fil-kompetittività u tat-tħaddim aħjar tas-suq intern. Minkejja dan, anke bl-Għażla ta' Politika 4, meta jitqabblu l-benefiċċji li tintuża l-infrastruttura mal-kostijiet tal-politiki l-oħra possibbli, jirriżultaw proporzjonijiet **ogħla minn 1.5 fl-Istati Membri kollha**.

34. L-effett makroekonomiku ewleni jkun tnaqqis fil-konsum taż-żejt filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-fjuwil. Dan it-tnaqqis fl-użu tal-fjuwil jiżdied b'mod progressiv fid-deċennji 2010-2030 minn madwar EUR 610 miljun fis-sena fl-2020 għal madwar EUR 2.3 biljun fis-sena fl-2030 bl-Għażla ta' Politika 2, minn EUR 1.7 biljun fis-sena fl-2020 sa EUR 4.6 biljun fis-sena fl-2030 bl-Għażla ta' Politika 3, u minn

[2] L-ispiża ta' kull unità għal kull punt tal-iċċarġjar intelliġenti privat jista' jiġi stmat għal madwar EUR 520; waqt li l-ispiża għal punt tal-iċċarġjar pubblikament aċċessibbli huwa madwar EUR 5,280. L-ispiża ta' stazzjon tal-forniment tal-fjuwil tal-idroġenu huwa EUR 1.6 miljun. L-ispiża għal unità ta' faċilità ta' bunkering fuq skala żgħira hija ta' EUR 15-il miljun, filwaqt li l-istima tal-ispiża użata għall-istazzjon tar-forniment tal-fjuwil tal-LNG hija ta' EUR 400,000.

EUR 4.2 biljun fis-sena fl-2020 sa EUR 9.3 biljun fis-sena fl-2030 bl-Għażla ta' Politika 4. Il-benefiċċju aggregat tas-sigurtà tal-enerġija stmat ukoll jiżdied gradwalment.

35. Id-differenza ewlenija bejn l-impatti makroekonomiċi tal-Għażla ta' Politika 2 u tal-Għażla ta' Politika 3 tikkonsisti fil-probabbiltà differenti li jinkisbu l-istess riżultati permezz ta' rakkomandazzjonijiet jew mandati. L-Għażla ta' Politika 2 hija meqjusa bħala ħafna anqas effettiva għar-raġunijiet li ġejjin:

- Ħafna Stati Membri għandhom pjanijiet ambizzjużi iżda ma impostawx obbligi fuqhom. Dan iħalli lill-konsumaturi u lill-investituri b'inċertezzi u jżomm lura l-utilizzazzjoni mis-suq;
- Jeħtieġ li jitneħħa l-impass bejn id-diversi atturi fis-suq. **Dan jista'jsir biss jekk ikun hemm impenn kredibbli, li mhux qed jiġi pprovdut mill-pjanijiet tal-Istati Membri, mill-ftehimiet volontarji industrijali u mir-rakkomandazzjonijiet tal-UE. Il-parteċipanti fis-suq huma konxji ta' inizjattivi mhux vinkolanti fil-passat f'dan il-qasam li ma pproduċewx ir-riżultat maħsub** (eż. id-Direttiva tal-Bijofjuwils[3]).

36. Id-differenza bejn l-Għażla ta' Politika 3 u l-Għażla ta' Politika 4 hija l-probabbiltà anqas li jkun hemm l-implimentazzjoni ta' netwerk tal-forniment tal-fjuwil tal-idroġenu fl-Għażla ta' Politika 3. Il-potenzjal għoli ta' qligħ tal-Għażla ta' Politika 4 għandu jiġi vvalutat bi tqabbil mal-ispejjeż addizzjonali ta' investiment relattivament żgħar.

*L-impatti soċjali*

37. Skont il-Valutazzjoni tal-Impatt l-investiment fil-kostruzzjoni tal-infrastruttura ikun fil-biċċa l-kbira tiegħu fl-Ewropa, b'benefiċċji ekonomiċi diretti għas-setturi involuti fil-kostruzzjoni tal-infrastruttura.

38. Se jinħolqu aktar impjiegi, b'firxa wiesgħa ta' kwalifiki għall-impjiegi, permezz tal-investiment fl-oqsma tal-konstruzzjoni, il-manifattura, l-elettriku, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-materjali avvanzati u l-applikazzjonijiet kompjuterizzati. Fis-setturi tal-vetturi u tar-raffinar, bidla lejn kwalifiki ġodda għandha tikkonserva l-impjiegi fuq terminu ta' żmien twil.

*L-impatti ambjentali*

39. Jistgħu jirriżultaw benefiċċji ambjentali kbar mill-użu ta' fjuwils alternattivi. It-tnaqqis huwa marġinalment ogħla fl-Għażla ta' Politika 3 meta mqabbel mal-Għażla ta' Politika 4, minħabba żieda fl-emissjonijiet minn trakkijiet LNG fl-Għażla ta' Politika 4 fuq terminu ta' żmien medju.

40. Skont l-Għażla ta' Politika 2, l-emissjonijiet tal-$NO_x$ jonqsu b'1.4 % sal-2020, b'2.0 % bl-Għażla ta' Politika 3, u b'2.8 % bl-Għażla ta' Politika 4. L-emmissjonijiet

---

[3] Id-Direttiva dwar il-Bijofjuwils 2003/30/KE stabbiliet valur ta' referenza ta' 2 % għall-bijofjuwils fil-konsum tal-petrol u d-diżil fl-2005 u 5.75 % fl-2010. L-Istati Membri kienu mitluba jistabbilixxu miri indikattivi għall-2005, billi jqisu dan il-valur ta' referenza. Ir-rapporti li nħarġu fl-2009 kif ukoll il-Pjan Direzzjonali dwar l-Enerġija Rinnovabbli (COM(2006) 848 finali) enfasizzaw il-progress kajman li kien qed isir mill-Istati Membri u l-probabbiltà li l-UE bħala entità sħiħa tfalli milli tilħaq il-miri tagħha tal-2010. Il-Pjan Direzzjonali spjega raġunijiet possibbli għal dan, li inkludew in-natura sempliċiment indikattiva tal-miri nazzjonali u l-ambjent inċert ta' investiment ipprovdut mill-qafas legali eżistenti (traduzzjoni mhux disponibbli bil-Malti). Għalhekk, il-Kummissjoni pproponiet qafas aktar rigoruż u miri legalment vinkolanti għall-2020, bħala parti mill-Pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija Rinnovabbli.

tal-materja partikolata jsegwu mudelli simili. L-ispejjeż esterni għall-istorbju jitnaqqsu wkoll.

*Konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatti*

41. L-analiżi tal-impatti turi li l-investiment f'netwerk minimu ta' ċċarġjar/forniment tal-fjuwil huwa l-aktar mod effiċjenti għall-promozzjoni ta' vetturi bi fjuwil alternattiv. Filwaqt li l-infrastruttura waħidha ma għandha l-ebda impatt ewlieni dirett, intervent fuq in-netwerk ta' ċċarġjar/forniment tal-fjuwil jista' jkollu effett pożittiv kbir flimkien ma' inizjattivi oħra li għandhom fil-mira l-introduzzjoni ta' vetturi aktar nodfa f'termini ambjentali.

42. Skont l-Għażla ta' Politika 4, il-benefiċċji f'termini ta' konsum aktar baxx taż-żejt jammontaw għal madwar EUR 84.9 biljun, u għal madwar EUR 15.4 biljun f'termini ta' impatt fuq l-ambjent. Għalhekk, il-benefiċċji jisbqu b'mod ċar il-madwar EUR 10 biljuni meħtieġa għal netwerk minimu.

## 8. Tqabbil tal-għażliet

43. Effettività: L-objettivi jinkisbu b'mod sħiħ bl-Għażla ta' Politika 4 għall-fjuwils alternattivi kollha li tqiesu fil-Valutazzjoni tal-Impatt. L-Għażla ta' Politika 3 hija differenti biss fil-kopertura tal-fjuwils. L-Għażla ta' Politika 2 għandha l-akbar riskju li tonqos milli tagħti riżultati sodisfaċenti.

44. Effiċjenza: L-inqas spiża tista' tiġi assoċjata mal-Għażla ta' Politika 2 li, madankollu, twassal għal inqas effettività fil-kisba tal-objettivi. Filwaqt li l-ispejjeż tal-Għażla ta' Politika 4 huma ogħla minn dawk tal-Għażla ta' Politika 3, il-benefiċċji potenzjali jistgħu jkunu akbar minn din id-differenza.

45. Koerenza: X'aktarx li l-Għażla ta' Politika 2 tirriżulta f'inqas investimenti. Dan l-eżitu partikolarment ikun jippenalizza d-dimensjoni ambjentali. L-Għażla ta' Politika 3 tikseb l-iktar limitazzjoni komprensiva ta' għażla ta' kompromessi fl-oqsma ekonomiċi, soċjali u ambjentali. L-Għażla ta' Politika 4 tkun tirrappreżenta għażla aktar riskjuża, li tista' titqies li tqiegħed aktar enfasi fuq id-dimensjoni ambjentali b'rispett tad-dimensjoni ekonomika.

## 9. Konklużjoni

46. L-**Għażla ta' Politika 2 hija skartata**, peress li mhix favorevoli meta mqabbla kemm mal-Għażla ta' Politika 3 kif ukoll mal-Għażla ta' Politika 4.

47. L-Għażliet ta' Politika 3 u 4 għandhom ħafna elementi komuni. Tingħata preferenza lill-Għażla ta' Politika 3 li tqis aħjar ir-restrizzjonijiet ekonomiċi preżenti.

48. Madankollu, l-Għażla ta' Politika 4 mhijiex skartata billi s-sostenibbiltà tagħha hija fil-biċċa l-kbira influwenzata minn prospetti teknoloġiċi eżistenti li jistgħu jinbidlu b'pass mgħaġġel. Dan iżid l-effiċjenza tagħha.

49. **Il-ħtieġa prevalenti li jintbagħtu sinjali ċari lis-swieq tiffavorixxi l-aktar lill-Għażla ta' Politika 4.** Jekk tintgħażel din l-Għażla, tali pass deċiżiv fuq il-livell tal-UE jista' jħaffef ir-rata tal-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi b'mod ġenerali u jiżgura li l-investimenti jkollhom impatt akbar fuq it-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa.

50. L-implimentazzjoni b'pass mgħaġġel tal-azzjonijiet meħtieġa, b'miri li jaġevolaw lis-suq, tista' ssaħħaħ ħafna wkoll il-momentum għall-istrateġija UE 2020.

## 10. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

51. Se jkunu meħtieġa l-monitoraġġ u r-rappurtar, fejn jintużaw il-mezzi ta' rappurtar eżistenti u l-ġbir ta' informazzjoni addizzjonali permezz ta' Impriżi Konġunti, Pjattaformi tat-Teknoloġija u gruppi ta' esperti eżistenti.

52. L-Istati Membri aktarx ikunu meħtieġa jistabbilixxu pjanijiet nazzjonali dwar il-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.

53. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapporti dwar l-implimentazzjoni u l-impatti ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

54. Ir-rapporti għandhom jirrevedu wkoll ir-rekwiżiti fid-dawl tal-iżviluppi tekniċi, ekonomiċi u tas-suq, u jipproponu l-aġġustamenti kif xieraq.